# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2022**

**Kawza Numru: 9**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 415/20 JVC**

**Avukat Dottor Carlos Bugeja (K.I. nru. 391687M) bhala mandatarju specjali tal-assenti:-**

**[1] Mario Bezzina (Pass. Awstraljan nru. N9547589);**
**[2] Louis Bezzina (Pass. Awstraljan nru. PA6475607);**
**[3] John Bezzina (Pass. Awstraljan nru. PA8419141);**
**[4] Victor Bezzina (Pass. Awstraljan nr. PB2160363)**

**kif debitament awtorizzat minn prokura annessa u mmarkata dokument 'A'**

**vs**

**Filippa Mizzi (K.I. nru. 0541946(M)) u zewgha Joseph Mizzi (K.I. numru 0052344(M)) ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Dr Carlos Bugeja bhala mandatarju specjali tal-assenti kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

'Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza

1. Nhar l-24 ta' Lulju 1967, mietet Margaret Bezzina omm il-partijiet. Imbaghad nhar il-5 ta' Lulju 1985, miet Giovanni Bezzina missier il-partijiet, zewgt il-gja` mejta Margaret Bezzina (**Dok. 'CB1'** u **Dok. 'CB2'**).

2. Is-successjoni tal-mejjet Giovanni Bezzina hija rregolata permezz ta' testment datat disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (1976) fis-sitta ta' filghaxija (6:00pm), f'liema t-testatur provda ghal certi prelegati u legati, u halla mill-bqija lit-tmin (8) uliedu bhala eredi universali (**Dok. 'CB3'**)

3. It-testatur Giovanni Bezzina, halla legat altrui lill-intimata Filippa Mizzi, d-dar numru dsatax (19) ittra 'C', High Street, l-Imgarr (Malta), bil-ftit ghamara, bjankerija u affarijiet ohra li hemm fih, barra titoli ta' flus, ta' kwalunkwe indole u natura ta' xi deheb, bil-kundizzjoni li mal-mewt tat-testatur l-intimata (*qua* legatarja) taghmel stima ta' Perit maghzul mill-werrieta l-ohra (*qua* rikorrenti) u thallas lill-istess werrieta seba' minn tmien parti tan-nofs indiviz tal-istess stima eskluz il-valur tal-ghamara. L-istess prelegat imholli ma nkludiex il-bicca l-bicca art li mhix mibnija u li tmiss mal-imsemmi post. It-testatur iddikjara wkoll li huwa kien jaf li dan il-prelegat kien in parti legat jew prelegat altrui, billi il-mejta martu Margerita Bezzina nee` Vassallo kellha sehemha; dan, skont l-ahhar testment, b'ringrazzjament ghal xi allegati servigi mwettqa mill-intimata Filippa Mizzi.

4. Il-kundizzjoni tal-hlas skond l-istima ta' Perit, kif imposta mit-testatur Giovanni Bezzina, fuq l-imsemmija intimata qatt ma giet imharsa, biex b'hekk l-intimata Mizzi iddekadiet mil-beneficcju ta' dan il-prelegat kif imholli mid-defunt Giovanni Bezzina. Ghalhekk il-fond imsemmi fit-tieni premessa ghandu jappartjeni lill-massa ereditarja komuni tat-testatur Giovanni Bezzina.

5. It-testatur Giovanni Bezzina, halla wkoll b'titolu ta' legat u in piena proprjeta' inkluz s-sehem tal-mejta martu, u b'hekk anke in parti prelegat altrui, il-proprjeta' ossija il-bicca art (esklusa mil-prelegat tad-dar imsemmi fil-premessa precedenti) lis-seba' (7) uliedu l-ohra, b'eskluzjoni tal-intimata Filippa Mizzi; liema tfal jisimhom Salvatore, Maria armla ta' Joseph Camilleri, Luqa, Victor, Giuseppa mart

Joseph Bonanno, Teresa mart Michael Camilleri u Emanuela mart Nazzareno Vella ahwa Bezzina u f'kaz ta' premorienza ta' xi hadd mill-legatarji ikunu uliedhom bis-sostituzzjoni tal-istess ulied li jirtu dan il-legat.

6. Fl-ahharnett, it-testatur Giovanni Bezzina, innomina u stitwixxa bhala unici werrieta proprjetarji assoluti lit-tmien uliedu, bis-sostituzzjoni vulgari *ad infinitum* f'kaz ta' premorienza u altrimenti bid-dritt tal-akkrexximent.

7. Ir-rikorrenti Victor Bezzina huwa wiehed mill-ulied tal-mejtin Giovanni u Margaret konjugi Bezzina filwaqt li r-rikorrenti Mario, Louis u John ahwa Bezzina huma l-eredi tal-mejjet Salvatore Bezzina – wiehed mit-tmien ulied tad-defunti konjugi Bezzina.

8. Il-wirt mejtin Giovanni u Margerita konjugi Bezzina, qatt ma nqasam, u r-rikorrenti jridu li ssir il-qasma ta' dak kollu li hemm mizmum in komuni; f'dak li jappartjeni l-massa ereditarji tal-konjugi Bezzina.

9. Ir-rikorrenti jafu b'dan il-fatti.

<u>Raguni ghat-Talba</u>

1. Ghaldaqstant, kellha ssir din il-kawza.

<u>Talbiet:</u>

Jghidu ghalhekk l-intimati, ‘il ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:

1. Tillikwida l-assi konjugali ta’ Giovanni u Margerita Bezzina;

2. Tordna d-divizjoni tal-assi f’zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-assi partikolari ta’ Giovanni Bezzina, u l-ohra lill-assi partikolari ta’ martu Margerita Bezzina;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta’ Giovanni Bezzina u tiddikjara li dawn jikkonsistu fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f’dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta’ Margerita Bezzina u tiddikjara li din tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f’dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

5. Tiddividi, jekk ikun hemm bzonn, il-gid derivanti mill-assi partikolari ta’ Giovanni Bezzina bejn dawk il-kontendenti li ghandhom jedd ghalihom skont it-testmenti tal-istess decujus, u fis-sehem lilhom spettanti.

6. Tiddividi dak il-gid li jirrizulta li hu proprjeta’ in komuni bejn il-kontendenti jew min minnhom;

7. Tinnomina, jekk ikun hemm bzonn, perit tekniku ghall-finijiet ta’ likwidazzjoni u thejjija ta’ pjan ta’ divizjoni;

8. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni ta' dak kollu li m'huwiex kommodament divizibbli, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji;

9. Tiddikjara li l-intimata Filippa Mizzi, naqset milli tonora l-kundizzjoni imposta fuqha fit-Tielet Artikolu tat-testment ta' Giovanni Bezzina, maghmul in atti tan-Nutar Sammy (Salvatore) Abela, nhar id-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (1976);

10. Konsegwentement tiddikjara li l-intimata Filippa Mizzi, ddekadiet mill-beneficcju tal-prelegat, imholli lilha fl-istess artikolu tat-testment ta' Giovanni Bezzina, in atti tan-Nutar Sammy (Salvatore) Abela, nhar id-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (1976);

11. Ghalhekk, tiddikjara, li l-fond numru dsatax (19) ittra 'C', High Street, l-Imgarr (Malta) huwa proprjeta' in komuni bejn il-kontendenti;

12. Tiddividi l-fond numru dsatax (19) ittra 'C', High Street, l-Imgarr (Malta) bejn il-kontendenti;

13. Alternattivament, u f'kaz li l-fond numru dsatax (19) ittra 'C', High Street, l-Imgarr (Malta) m'humiex kommodament divizibbli, 8. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji;

14. Tillikwida skont il-ligi s-sehem riservat dovut lir-rikorrenti mill-eredita' ta' missierhom Giovanni Bezzina, u dan okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi u permezz tar-

riduzzjoni tal-legat imholli mid-decujus fit-testment tieghu ta' nhar id-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u sitta u sebghin (1976), u prevja dikjarazzjoni li hu dovut li jithallas dan is-sehem riservat lir-rikorrenti;

15. Tordna lill-intimati jew min minnhom li jhallsu lir-rikorrenti u s-sehem riservat hekk likwidat u dovut;

16. Tinnomina Nutar pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci kull fejn mehtieg in konnessjoni mat-talbiet attrici;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, li jinsabu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Filippa Mizzi et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, Joseph Mizzi, huwa zewg l-esponenti Filippa Mizzi, u ghalhekk, ghar-rigward il-mertu tal-wirt, u jew tal-legati in kwistjoni, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, stante li fejn si tratta ta' wirt, allura il-mertu huwa wiehed parafernali.

2. Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 845 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni attrici hija wkoll preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni attrici hija wahda improponibbli stante li fiha talbiet illi ma huma cari xejn, kif ukoll jikkonfliggu ma' xulxin.

5. Illi sekondarjament, u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija monka, u dan stante li kwalunkwe eventwali gudizzju ma jistax ikun integru, u dan skont it-talbiet kif dedotti, peress li l-azzjoni attrici ma hix diretta kontra l-partijiet kollha interessati.

6. Illi sekondarjament ukoll, u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti ilhom jokkupaw l-imsemmija fondi ghal aktar minn tletin (30) sena, minghajr ebda interuzzjonijiet, jew interpellazzjonijiet, u fi kwalunkwe kaz ghar-rigward wiehed u ghoxrin minn tnejn u tletin (21/32) indivizi gew imessi fil-pussess sia tal-fond 19c, illum mitejn u tmintax (218), gewwa Main Street, Imgarr, Malta, kif ukoll ghar-rigward il-bicca art adjacenti kif jirrizulta fl-att Anness ippubblikat minn Nutar Antoine Agius nhar il-erbatax (14) ta' Frar elf disa' mija u disghin (1990). (Dok FM1).

7. Illi sekondarjament, u bla pregudizzju ghas-sueccepit, m'hemm l-ebda lok ghall-ebda porzjon riservat, stante li ma jirrizulta minn imkien illi xi hadd minn ulied Giovanni u Margerita Bezzina thallew barra mill-wirt.

8. Illi ghalhekk l-azzjoni attrici hija nfondata kemm bhala fatt, kif ukoll bhala dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

9. Salv risposti ulterjuri.'.

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Settembru, 2020 il-partijiet ghamlu referenza ghat-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati dwar il-preskrizzjoni u l-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi fuq l-istess;

Rat l-affidavits, xiehda, certifikati, testment, att ta' immissjoni fil-pussess, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 11 ta' Novembru, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni fuq it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi din id-decizjoni hija wahda preliminari li titratta t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati Filippa Mizzi et li jeccepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 845 u l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tezamina dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

**<u>It-tieni eccezzjoni – Azzjoni preskritta ai termini tas-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 845 tal-Kodici Civili:</u>**

Illi l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jitratta l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghat-talba ta' wirt, jew

legat, jew is-sehem riservat kemm b'testment kif ukoll *ab intestato*. Is-sub-artikolu 1 jiddisponi illi:

> '(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.'

Illi l-intimati fin-nota' ta' sottomissjonijiet taghhom jispjegaw li Giovanni u Margerita konjugi Bezzina mietu fil-5 ta' Lulju, 1985 u fl-24 ta' Lulju, 1967 rispettivament. Dwar il-preskrizzjoni ta' ghaxar (10) snin isostnu li t-terminu beda jiddekorri mill-mewt ta' l-ahhar wiehed mit-testaturi, illi sehh fil-5 ta' Lulju, 1985 u ghalhekk il-preskrizzjoni kienet ilha li ddekorriet mis-sena 1995.

Illi -rikorrent l-Av. Dottor Carlos Bugeja noe jsostni li trid issir distinzjoni bejn azzjoni ghas-sehem fil-wirt (cioe' l-azzjoni *petitio hereditatis*) u azzjoni dwar gid li gej mill-wirt. Isostni li t-talbiet fir-rikors odjern huma cari u cioe' li jitolbu qasma ta' gid komuni mnissel mill-wirt ta' Giovanni u Margerita konjugi Bezzina u bl-ebda mod ma jirrizulta li r-rikorrenti qeghdin jaghmlu talba ghas-sehem fil-wirt, izda semplicement talba dwar gid li kien jaghmel minn wirt ghalhekk skonthom din il-preskrizzjoni ma tapplikax. Iressqu wkoll bhala raguni ohra l-ghala l-preskrizzjoni msemmija ma tissussistix li huma kienu qeghdin igawdu l-proprjeta' bhala ko-pussessuri. Jghid ukoll li anke jekk ghal grazzja tal-argument kellu jirrizulta li din it-tip ta' preskrizzjoni kellha tapplika xorta wahda l-intimati ma ssoddisfawx ir-rekwiziti necessarji sabiex tissussisti l-preskrizzjoni u dan anke minhabba l-ittra tal-2018. Jghidu li l-preskrizzjoni ma tapplikax ukoll ghaliex il-pussess kien biss tal-proprjeta' fl-Imgarr u mhux tal-*patrimonio ereditario*.

Illi l-Qorti tibda billi tezamina jekk effettivament l-azzjoni odjerna hijiex azzjoni *petitio hereditatis* – talba ghas-sehem fil-wirt, jew inkella azzjoni dwar gid li kien jaghmel minn wirt. Jekk jirrizulta li l-azzjoni hija wahda *petitio hereditatis* huwa possibbli li japplika l-Artikolu 845, filwaqt li jekk hija azzjoni dwar gid minn wirt l-artikolu msemmi ma japplikax.

Illi r-rikorrenti jargumentaw li l-azzjoni taghhom m'hijiex wahda *petitio hereditatis* tant li in fatti bhala wahda mit-talbiet lill-Qorti ressqu sabiex '*Tiddividi dak il-gid li jirrizulta li hu proprjeta` in komuni bejn il-kontendenti jew min minnhom.*'.

Illi l-Qorti izda tinnota li ghalkemm huwa minnu li fil-punt bin-numru 6 tressqet it-talba kif suespost, fil-bqija tieghu ir-rikors guramentat jxeqleb ferm lejn l-azzjoni ghal divizjoni ta' gid minn wirt. Il-Qorti tirrileva li l-investigazzjoni li ghandha taghmel hija tal-assjem tat-talbiet kollha tar-rikorrenti u mhux semplicement ta' wahda minnhom. In fatti l-Qorti tinnota li ghajr ghas-sitt talba, it-talbiet l-ohra huma kollha relatati ma' azzjoni *petitio hereditatis* u l-Qorti tazzarda tghid li s-sitt talba giet inkluza mat-talbiet l-ohra semplicement ghas-serhan tal-mohh fl-eventwalita' li tigi eccepita l-preskrizzjoni. Fil-fatt jekk tinghata harsa lejn it-talbiet kollha jirrizulta li r-rikorrenti talbu li jkun hemm id-divizjoni tal-assi f'zewg porzjonijiet, likwidazzjoni u d-divizjoni tal-gid derivanti mill-assi partikolari tal-mejjet Giovanni Bezzina. Isegwi li la darba l-azzjoni odjerna hija wahda *petitio hereditatis* l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa applikabbli.

Ghalhekk f'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina jekk jissussistux l-elementi tal-preskrizzjoni u cioe' li l-intimata kellha

pussess kontinwu, mhux interrot, pacifiku, pubbliku, mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li trid il-ligi u pussess *animo domini*.

Il-Qoriti rat li l-intimati ressqu bhal xhieda lil Ivan Mizzi (fol. 60 et seq), Adrian Mizzi (fol. 63 et seq) u Margaret Debono Mizzi (fol. 67 et seq) li prattikament ix-xiehda taghhom kienet kollha simili fejn ikkonfermaw li meta r-rikorrenti gew Malta ma sar l-ebda accenn ghal wirt.

Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jishqu li l-pussess tal-intimata ma jistax jitqies bhala wiehed *animo domini* rizultat tal-ittra li ntbghatet minn Nutar Toni Abela lilhom fis-sena 2018 lill-istess rikorrenti, liema ittra ntbghatet ghan-nom tal-intimata (ara fol. 37 et seq tal-process).

Illi dwar din il-kundizzjoni importanti tal-pussess *animo domini* l-awtur **Baudry Lacantinerie** fil-ktieb tieghu **Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civili: Della Prescrizione** isostni:

> 'Per poter prescrivere occorre possedere animo domini, cioe' a titolo di proprietario, o in modo piu' generale a titolo di padrone del diritto che si pretende acquistare per prescrizione. Questa non e' soltanto una semplice qualita' del possesso; e' secondo noi, nel sistema che ha ispirato i legislatori del Codice civile, un elemento costitutivo.
> L'animus domini esiste presso colui che possiede in virtu' di un titolo traslativo di proprieta', come vendita, permuta, donazione. Esiste anche presso l'usurpatore, praedo; senza dubbio questo non ignora che la proprieta' della cosa appartiene ad altri; egli e' in mala fede, ma cioe' non gli impedisce di avere 'animus domini'; egli si dice proprietario

> e agisce come tale. Invece il fittaiuolo, il commodatario, il depositario, il tutore, il marito, e in modo generale tutti gli amministratori della cosa altrui non hanno l'animus domini; il loro stesso titolo implica il riconoscimento del diritto del proprietario.'

Fid-decizjoni fl-ismijiet **Salvino Testaferrata Moroni Viani et. vs. Francis Montanaro**, Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 27 ta' Gunju, 2003 inghad illi:

> 'Huwa pacifiku illi l-proprjeta' ma tintilfix bin-nuqqas ta' uzu da parti tas-sid. Tintilef, invece, jekk haddiehor jiehu pussess taghha u jezercita fuqha jedd ta' poter ghaz-zmien kollu mil-ligi stabbilit u skond il-kundizzjonijiet l-ohra preskritti mill-Artikolu 2107 tal-Kodici Civili. Jispetta ghalhekk lil dan haddiehor l-oneru li jipprova r-rekwiziti kollha tax-xorta ta' akkwist vantat minnu . . . Il-konvenut uzukapjent biex jirnexxi fid-difiza u sostenn tad-dritt eccepit minnu irid jipprova l-akkoppjament tal-pussess mad-dekors taz-zmien. Fuq kollox ghal dak li hu l-fattur zmien irid jaghmel il-prova konvincenti tal-bidu tal-pussess vantat minnu billi ma tistax titiqies sufficjenti s-semplici affermazzjoni generika 'longissimi temporis praescriptio'. Kjarament ukoll dan il-bidu hu allaccjat mal-mument fokali meta l-preskrivent jibda jippossjedi b'mod kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku l-proprjeta' li hu jew l-aventi kawza jew awtur tieghu intenzjonati jippreskrivu. Huma proprju dawn il-kundizzjonijiet li juru l-kwalita' tal-pussess animo domini, kongunta s'sintendi maz-zmien rikjest mil-ligi biex tissahhah il-preskrizzjoni. Jinsab insenjat ukoll illi l-elementi tal-pussess huma tnejn, dak

materjali, il-poter ta' fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali – animus et corpus; corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini.'[1]

Minn qari ta' dawn l-estratti jinsorgi li ma jistax wiehed jghid li qed izomm hwejjeg *animo domini* meta hu stess ikun irrikonoxxa d-dritt ta' haddiehor.

Mill-atti jirrizulta li Abela & Abela Notaries Public aktar specifikatament in-Nutar Dr. Anthony Abela bghat ittra lir-rikorrenti datata 5 ta' Ottubru, 2018 (a fol. 37 et seq tal-process) a nom tal-intimata Filippa Mizzi. Permezz tal-imsemmija ittra talab f'isem l-intimata lir-rikorrenti sabiex jiffirmaw prokura quddiem 'Justice of the Peace', 'Solicitor' jew 'Local Chaplain' biex permezz taghha jkun jista jitqabbat rapprezentant taghhom li jiffirma sabiex '*…the said propepty to be freely acknowledged as hers – notwithstanding at by law; since more that 30 years have passed no one may object.*'.

Il-Qorti rat li l-ittra ma ntbaghtitx 'Bla Pregudizzju' u minn qari taghha johrog bic-car li l-intimata Filippa Mizzi stess kienet qieghda tirrikonoxxi li l-proprjeta' ma kinitx taghha. In fatti fil-prokura li giet annessa mal-ittra gie ndikat li kienet qieghda tinghata sabiex il-proprjeta' tigi liberata favur taghha u taqra kif isegwi:

> 'I the undersigned
> Mario Bezzina .of 7, Terrigal Street, Blacktown, NSW 2148, Australia Son of Saviour sice Salvatore sive Sam and

[1] Fuq l-istess linja ara wkoll **Carmelo Caruana vs. Orsa Vella**, Qorti tal-Appell deciza 13 ta' Marzu, 1953; **Joseph Aquilina noe vs. Sunny Homes Limited et**, Prim'Awla deciza 5 ta' Ottubru, 2004; **Katie Caruana Grech vs Victor Briffa Brincat**, Prim'Awla deciza fl-14 ta' Jannar, 2015.

Francesca nee bezzina born in _Mgarr Malta on the ________________ and residing as above - Holder of Passport numbered ______________ nominate any senior / junior partner in Notarial Firm Abela & Abela to appear on deed wherein I give my consent so that the property at 218 previously 19c Triq il-Kbira , Mgarr, Malta be freely liberated in favour of Philippa Mizzi of the same parents
To do all that may be necessary in the circumstances
Here at
____________________________________________________
Today the ____________________________

_______________________________
Mario Bezzina
Witness to signature & identity;- ____________________________.'

Illi l-ezistenza ta' din l-ittra giet ikkonfermata mill-intimata nfisha Filippa Mizzi in kontro-ezami tat-12 ta' Jannar, 2021 a fol. 42 *et seq* tal-process fejn xehdet kif isegwi:

'Dr Carlos Bugeja: Jekk infakkrek illi fl-elfejn u tmintax (2018) mort tkellem lin-Nutar Abela fuq din id-dar, tiftakar?

Xhud: Jiena mort inkellem lin-Nutar ghax nghidlek il-verita', ghidt speci biex nirranga halli ma nhallix inkwiet warajja minhabba it-tfal.

Dr Carlos Bugeja: Mela fuq x'hiex? Xi staqsejtu lin-Nutar?

Xhud: In-Nutar qalli, issa tridx nibghatulhom halli naraw speci x'ser jghidu u baghtilhom ittra.

Dr Carlos Bugeja: Mela pass pass. Ghalfejn mort ghand in-Nutar inti? X'kien l-iskop qabel tlaqt mid-dar biex tmur ghand in-Nutar?

Xhud: Jiena, qabel ma mort hemm, jiena mort, ghax it-tfal, anke' t-tfal kienu jghiduli speci biex ma nhallilhomx inkwiet warajja.

Dr Carlos Bugeja: Pero x'kienu l-inkwiet li kont qed tibza li thalli?

Xhud: Jiena anke' minhabba it-taxxa kont nibza ghax ahna ma nhallsux taxxa. Lanqas flus m'ghandna il-Bank bizzejjed u ma rridx inhalli speci inkwiet warajja u it-tfal dejjem jghiduli 'Ma, id-dar, il-giardina ta' min hi?' Ghidtilhom jiena lanqas jigifieri niftakar sewwa. Ghidtilhom imma ha mmur fejn in-Nutar.

…

Qorti: Taf li marret, li baghat ittra?

Xhud: Ehe.

| | |
|---|---|
| Qorti: | Li baghat ittra taf? |
| Xhud: | Iva. |
| Dr Carlos Bugeja: | Ara infakkrekx li in-Nutar baghat ittra u baghtilhom qisu karta biex jimlew il-vojt u jiffirmawha biex il-proprjeta' tal-Imgarr tkun tista' ssir tieghek lil hutek fl-Awstralja? |
| Xhud: | Jista' jkun li ghalhekk jigifieri li baghatha.'. |

Kemm minn qari tal-ittra u tal-prokura, kif ukoll mid-deposizzjoni in kontro-ezami jirrizulta bic-car li l-intimata Filippa Mizzi ma kinitx qieghda tiddetjeni l-proprjeta' *animo domini*. Tant li ma kinitx qieghda zzomm il-proprjeta' *animo domini* li kif xehdet hi stess uliedha kienu jghidluha sabiex ma terhix inkwiet warajha u ghaliex hi kellha dubji serji dwar taht liema titolu hi kienet qed izzomm id-dar hija ddecidiet li tmur ghand in-Nutar Abela u tiehu l-passi necessarji sabiex isir dak li kien hemm bzonn biex issir proprjetarja assoluta tal-proprjeta'. Zgur li allura l-intimata Filippa Mizzi sal-mument li rrikorriet ghand in-Nutar Abela ma kinitx qed tippossjedi *animo domini* kif trid il-ligi b'dan li l-preskrizzjoni fit-termini tal-artikolu 845 tal-Kap 16 qatt ma bdiet tiddekorri favur taghha.

Isegwi ghalhekk li la darba dan l-element ta' l-*animo domini* huwa mankanti l-Qorti m'ghandiex ghalfejn tinoltra ruha oltre fl-ezami

tal-elementi l-ohra u ser tghaddi sabiex tichad it-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni fit-termini tal-artikolu 845 tal-Kap. 16.

**<u>It-tielet eccezzjoni – Azzjoni preskritta ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili:</u>**

Illi fit-tielet eccezzjoni l-intimati eccepew il-preskrizzjoni trentennali ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili li titratta dwar il-preskrizzjoni tal-azzjonijiet reali, personali u misti li jaqra illi:

> 'L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.'.

Illi f'din il-preskrizzjoni bhal dik precedenti huwa necessarju l-pussess *animo domini* u ghalhekk il-Qorti taghmel taghha l-argumentazzjoni suesposta wkoll ai fini ta' din l-eccezzjoni. Stante allura li jirrizulta li fl-intimati jirrizulta ampjament nieqes il-pussess *animo domini* b'dan li l-preskrizzjoni anki dik trentennali qatt ma bdiet tiddekorri, l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tielet eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ta' tletin sena fit-termini tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati, billi tghaddi sabiex tiddikjara li l-azzjoni odjerna mhix preskritta la fit-termini tal-artikolu 845 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet

ta' Malta u u lanqas fit-termini tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tghaddi sabiex tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tal-intimati.

Tordna l-kontinwazzjoni tas-smigh tal-kawza fil-mertu.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Marzu, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Marzu, 2022**